MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2010

Numru. 240/2008

**Il-Pulizija**
**Supt Norbert Ciappara**
**vs**
**Nicola Gambino**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nicola Gambino ta' 47 sena iben Arzano (NA) Italja fl-20 ta' Lulju 1959 iben Giovanni u Antonietta nee' Maisto residenti gewwa Anchorage Gardens Flats 21/22 Triq il-Moletta Swieqi, ID card Taljana AK 9320334**

**Akkuzat talli fis-6 ta' Ottubru 2008 u matul l-ahhar disa' xhur qabel din id-data:**

**(a) kkultiva l-pjanta cannabis bi ksur ta' l-Artikolu 8 (c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**

**(b) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Artiklu 8 (d) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta**
**(c) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta**

**Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a), 8 (c), 8 (d), 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet dedott kontrieh u qed tikkundannah ghal piena ta’ sitt xhur prigunerija kif wkoll ghal hlas ta’ multa ta’ 468 Euro, liema multa tista’ tithallas b’rata ta’ 40 Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard mit-30 ta’ Ottubru 2010 u wara din id-data kull erba’ gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**Ai fini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta’ l-esperti li jammontaw ghal 243.70 Euro sa l-ahhar ta’ Ottubru 2010**

**Tordna d-distruzzjoni tad-droga that il-harsien tar-Registratur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------